MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 618/2014

**Paul AGIUS OBO Agius Agricultural Trading Ltd**

**Vs**

**Gollcher Company LTD**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-3 ta' Settembru, 2014** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' hames mija hamsa u tmenin euro [€585] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Jien xtrajt freight ghan-nom tal-kumpanija Agius Agricultural Trading Limited minghand John Fenech ghan-nom ta' Gollcher Co Ltd.
>
> Meta xtrajt il-freight (transport bil-bahar) kont bghadt lil John ritratti tal-oggett li kont ser nittrasporta filwaqt li ukoll ghidtlu kif ser ikun ippakkjat fuq palletta. Elenkajtlu ukoll li l-oggett kien fragile u li riedu jiehu hsiebu sew anke javza lill min ser jigbru b'dan.

> Meta wasal u mort biex nigbor l-oggett, riedni bilfors niffirma id-*delivery order*. Meta indunajt bil-hsara qalli li kienu diga jafu biha permezz ta' ritratti li diga kellhom.
>
> Fil-fatt kienu kissru il power feeds tal-magna (Ghandi ritratti li juru li l-magna kienet 100% tajba meta tghabbiet)."

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fil-21 ta' Ottubru, 2014 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghas-socjeta rikorrenti:

> "Illi talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.
>
> Illi fl-ewwel lok, il-hsara reklamata mis-socjeta attrici kienet konsegwenza ta' nuqqasijiet attribwibbli lilha stess.
>
> Illi s-socjeta konvenuta mhijiex responsabbli ghal hsara w id-danni reklamati, inkluz ai termini tal-artikoli 2(i) u 2(n) tal-Artikolu IV tal-Iskeda tal-Kapitolu 140 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta attrici trid tipprova l-ammont minnha reklamat, liema ammont qed jigi kkontestat.
>
> Salvi eccezzjonijiet ohra".

Ra l-verbal datat 26 ta' Frar, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, s-socjeta rikorrenti talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' €585 rapprezentanti hsarat li garrbet merkanzija li s-socjeta intimata gabet hawn Malta ghan-nom tas-socjeta rikorrenti. Is-socjeta intimata wiegbet ghal din it-talba billi qalet li l-hsara reklamata mis-socjeta rikorrenti kienet konsegwenza ta' nuqqasijiet attribwibbli lill-istess socjeta rikorrenti. Qalet ukoll li hija ma kienitx responsabbli ghal hsarat reklamati inkluz dak li jghidu l-paragrafi 2(i) u 2(n) tal-Artikolu IV

tal-Kapitolu 140 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kull kaz, kompliet tghid is-socjeta intimata, is-socjeta rikorrenti kellha tipprova l-ammont minnha reklamat u dan peress li kienet qeghda tikkontesta dan l-ammont.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. **Paul Agius**, direttur tas-socjeta rikorrenti qal li s-socjeta minnu rapprezentata kienet inkarigat lis-socjeta intimata sabiex iggibilha magna mill-Ingilterra ghal Malta. Qal li huwa kien baghat ritratt lis-socjeta intimata ta' magna bhal ma kellha tingieb hawn Malta. Sussegwentement kien baghtlu xi ritratti tal-magna kif kienet u kif "... *kellha tigi mghobbija minnu ppakjata u kollox*" (fol. 13). Qal li kien baghat email lil John Fenech, rapprezentant tas-socjeta intimata fejn infurmah li l-magna kienet wahda fragli u li kellhu joqghod attent kif iggorha. Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti fosthom emails, kopji ta' ritratti ta' kif kienet il-magna u tal-hsarat li din il-magna garrbet. Qal li meta waslet hawn Malta l-magna u huwa mar biex jigborha, l-*bond operator* tas-socjeta intimata kien "... *gghelni niffirma karta li kollox kien sew. Din il-karta kienet id-delivery order*" (fol. 14). Wara li hallas dak dovut minnu, huwa ghabba l-magna u kien f'dan il-mument li huwa skopra l-hsarat li kienet garrbet il-magna. Meta nforma lil *bond operator* b'din il-hsara huwa qallu li kien jaf biha u meta x-xhud talbu sabiex jiehu ritratti tal-magna, dan infurmah li kien diga ghamel hekk izda rrifjuta li jurihomlu. Kompla jghid li huwa lmenta ma' John Fenech, tas-socjeta intimata u kien qallu li "... *galadarba s-socjeta intimata kienet dahlet biex iggibli dan l-oggett minn barra allura hija kienet responsabbli ghal kull haga li seta gara* " (fol. 14). Qal li huwa pprova jirranga mas-socjeta intimata bil-kelma t-tajba izda kien kollu ta' xejn. Stqarr li "*l-ispejjez li qed nitlob huma spejjez ta' kemm jiswewl-affarijiet biex nirranghom u biex nibdilhom. Sal-lum ghadni b'din il-magna li ma nistax nuza*" (fol. 14).

3. **Clint Falzon Scerri**, addett tas-socjeta intimata xehed fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2015. Huwa qal li fi zmien li inqalghet il-kwistjoni, huwa kien jahdem bhala *bond operator* mas-socjeta intimata. Qal li s-socjeta intimata kienet dahlet sabiex iggib magna hawn Malta ghas-socjeta rikorrenti. Xehed li peress li din kienet magna, kellhom jinqalghu xi parts li kienu fragli. Dan il-fatt, kompla jghid ix-xhud, kien gie kkonfermat mis-socjeta rikorrenti stess. Qal li meta giet hawn Malta din il-magna, skond il-*bill of lading* din kienet *unpacked and unprotected*. Qal li huwa kien jaf li din il-magna kienet *second hand* pero ma kienx jaf l-istat li fih kienet inxtrat din il-magna. Kompla billi qal li "... *jekk jigri xi hsara lil magna waqt it-tragitt jew waqt li jkun qieghed jinhatt il-container allura jiena nnizzel rimarka. Bhal ezempju jekk kien hemm xi haga tistrieh ma'*

*din il-magna x'hin ftahna il-container jien ovvjament se naghmel rimarka f'dan ir-rigward. Fdan il-kaz pero m'ghamilt l-ebda rimarka ghax ma kien hemm xejn qed iserrah mal-magna jew xi haga li tindika li l-hsara li kellha din il-magna sehh waqt it-tragitt taghha minn barra ghal hawn Malta*" (fol. 41-42). Meta imbaghad mar ir-rikorrenti biex jigbor din il-magna u tghabbiet fuq il-vann tieghu, r-rapprezentant ats-socjeta rikorrenti attiralu l-attenzjoni ghal fatt li kien hemm xi hsarat. Zied jghid li anke d-*delivery order* li tatu s-socjeta rikorrenti kienet nadifa u dan juri "*... kemm il-hsara ma kienetx evidenti u ghalhekk saret waqt it-tragitt*" (fol. 42). Qal li huwa nforma lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti li galadarba d-*delivery order* kienet giet iffirmata ma setax ibiddilha sussegwentement, anke jekk il-hsara giet skopruta ftit minuti wara li kienet tghabbiet minn gol-*warehouse* ghal fuq il-vann tas-socjeta rikorrenti. Ix-xhud qal li huwa dejjem jigbed ritratti ta' oggetti qabel ma jkunu ser jinhattu minn gol-*container* jekk dawn ikunu jidhru. Hekk ghamel f'dan il-kaz.

In kontro-ezami, x-xhud qal li l-*fork lifter* huwa sub-contracted mis-socjeta intimata.

4. **John Fenech**, *sales and marketing executive* mas-socjeta intimata qal li r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien ikkomunika mieghu u talbu nformazzjoni dwar kif jista jgib xi oggetti minn barra minn Malta ghal hawn Malta. Kompla jghid li s-socjeta rikorrenti kienet infurmatu permezz ta' email li l-magna li kellha tingieb hawn Malta kienet gejja *unpacked and unprotected*. Qal li huwa kien informa lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti li kien ikun ahjar li din il-magna tigi worthy packed, izda dan infurmah li "*... l-affarijiet breakable u cioe li setghu jinkissru ta' fuqha kienu ser jitnehhew minn barra u allura ma kellux problemi f'dan ir-rigward*" (fol. 47). Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti, inkluz *emails* fejn fihom issemmiet il-hsara li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda tghid li garbet il-magna taghha waqt li din kienet gejja hawn Malta. Stqarr li "*ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien qalli illi ma riedx illi l-oggetti li kien ser igib hawn Malta cioe l-magna tigi ppakkjata sabiex ikun jista jiffranka l-flus. Jiena kont ghidtlu biex din il-magna tigi crated izda huwa kien qalli li ma kienx hemm ghalfejn jigri dan*" (fol. 47).

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Permezz ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghha, s-socjeta intimata tghid li l-hsara reklamata mis-socjeta rikorrenti kienet konsegwenza ta' nuqqasijiet attribwibbli lilha stess filwaqt li fit-tieni eccezzjoni taghha tghid li hi ma hijiex responsabbli ghal hsara u d-danni reklamati, inkluz ai

termini tal-artikoli 2(i) u 2(n) tal-artikolu IV tal-Iskeda tal-Kapitolu 140 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe l-Att dwar il-Garr ta’ Merkanzija bil-Bahar. Dawn l-artikoli citati mis-socjeta intimata jipprovdu hekk: “*La l-vettural u lanqas il-bastiment ma jkunu responsabbli għal telf jew ħsara li jsiru jew jiġu minħabba (i) att jew nuqqas tal-karikatur jew tas-sid tal-merkanzija, l-aġent jew ir-rappreżentant tiegħu; (n) nuqqas ta’ imballaġġ;*”.

6. Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta rikorrenti kienet xtrat magna minn gewwa r-Renju Unit. Hija kienet indagat mas-socjeta intimata dwar t-trasport ta’ din il-magna ghal hawn Malta. Wara li kienet ftehmet mas-socjeta intimata dwar dan it-trasport u qablet fuq prezz, inghatat l-ordni sabiex din il-magna tingieb hawn Malta. Is-socjeta rikorrenti esebiet ritratti tal-magna kif kienet gewwa r-Renju Unit. X’hin waslet hawn Malta, imbaghad, inharget minn gol-*container* u tpoggiet gol-*warehouse*. L-ghada, marru l-addetti tas-socjeta rikorrenti biex jghabbu din il-magna fuq il-vann taghhom u kien x’hin tghabbiet fuq l-immsemi vann li giet skoperta l-hsara riskontrata mis-socjeta rikorrenti u li minnha qeghda tilmenta f’dawn il-proceduri. Il-magna ingarret mill-*container* ghal *warehouse* u mill-*warehouse* ghal fuq il-vann tas-socjeta rikorrenti minn sub-kuntrattur tas-socjeta intimata.

7. L-abbli difensur tas-socjeta intimata stqarr, waqt it-trattazzjoni tal-vertenza odjerna, li l-ewwel u qabel kollox kellha tigi stabbilita meta sehhet il-hsara li qeghda tghid is-socjeta rikorrenti li sehhet fil-magna taghha u dan peress li wara li jigi stabbilit dan il-fatt biss jista jinghad minn kien responsabbli ghaliha. Is-socjeta intimata sahqet li prova ta’ kif waslet il-magna ghand il-carrier ma hemmx fl-atti processwali. Is-socjeta intimata esebiet il-*bill of lading* (fol. 57) u minn qari ta’ din il-*bill of lading* ma jirrizultax li sehhet xi hsara fil-magna meta din tghabbiet fil-*container* gewwa r-Renju Unit. Kieku kien sehhet, it-Tribunal jifhem li din kienet titnizzel bhala rimarka. Fuq id-*delivery order* (fol. 44) jirrizulta li kien hemm il-kliem “*BL claused unpacked and unprotected*”. Anke f’din id-*delivery order* ma kien hemm l-ebda kumment dwar xi hsarat riskontrati jew li kienu jidhru meta din waslet hawn Malta. Clint Falzon Scerri, addett tas-socjeta intimata qal li “*jiena kont naf li l-magna in kwistjoni kienet second hand pero ma nkunx naf l-istat li fih kienet inxtrat din il-magna*” (fol. 41) u “*ghandi nghid illi jekk jigri xi hsara lil magna waqt it-tragitt jew waqt li jkun qieghed jinhatt il-container allura jiena nnizzel rimarka*” (fol. 41-42). Rimarki jirrizulta li ma kienx hemm. Jirrizulta ukoll li meta infetah il-*container* ma kien hemm xejn li kien qed iserrah mal-magna “*... jew xi haga li tindika li l-hsara li kellha din il-magna sehh waqt it-tragitt taghha minn barra ghal hawn Malta*” (fol.

42). Din l-ahhar stqarrija ta' Clint Falzon Scerri tati x'tifhem lit-Trbunal li l-hsara li minnha qeghda tilmenta s-socjeta rikorrenti kienet pre-ezistenti ghal meta tghabbiet originarjament gewwa r-Renju Unit.

8. Mid-dokumentazzjoni esebita, s-socjeta intimata ma kienetx hadet hsieb li tpoggi din il-magna go kaxxa (*crate*) pero kienet hadet hsieb li li tnehhi minnha l-oggetti kollha li jinkisru. Fl-email esebita a fol. 21 ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti jghid lir-rapprezentant tas-socjeta intimata "*Kindly note that this is a used machine put on pallet, unpacked but with all breakable items removed*". L-istess socjeta rikorrenti ukoll infurmat lis-socjeta intimata fl-email taghha datata 11 ta' Gunju, 2014 li "*kindly inform the carrier that this is a precision machine and so it should be handled with care both for unloading from the UK truck as well as loading into the container. Loading at site will be at our supplier's task*" (fol. 17). Dan kollu juri li kien ikun ferm iktar ghaqli li kieku s-socjeta rikorrenti poggiet din il-magna go kaxxa.

9. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti waqt it-trattazzjoni sahaq li huwa ma kellux ghalfejn jippakja din il-magna. Qal illi kieku s-socjeta intimata kienet taf kif taqbad il-magna ma kienitx tigri l-hsara. It-Tribunal pero xorta wahda jibqa tal-fehma li s-socjeta rikorrenti ma ghandhiex ragun f'din it-talba. Hija l-fehma tat-Tribunal li jekk din il-magna gratilha xi hsara, din sehhet qabel ma tpoggiet fil-*container* gewwa r-Renju Unit. Kieku grat il-hsara waqt li kienet qeghda titghabba fil-*container* jew inkellha x'hin waslet Malta, dan il-fatt kien jitnizzel fid-dokumentazzjoni.

10. Jirrizulta ukoll mill-*email* datata 5 ta' Gunju, 2014 li s-socjeta rikorrenti kienet qalet lis-socjeta intimata li "*measurements are for the whole machine but the machine is in a T form so you can put on and by sides anything you want as long as goods are not extremely heavy*" (fol. 21). Dan ifisser li s-socjeta rikorrenti ma kienet tiddejjaq xejn kieku s-socjeta intimata poggiet xi oggetti fuq il-magna jew magembha basta li dawn l-oggetti ma jkunux "*extremely heavy*" (fol. 21). Mir-ritratti esebiti minn Clint Falzon Scerri meta kien infetah il-*container* ma kien jidher xejn la fuq il-magna u lanqas jistrieh maghha. Ghalhekk fuq bilanc ta' probabilita, kif diga inghad, il-hsara jidher li saret qabel ma tghabbiet fil-*container* gewwa r-Renju Unit. Ukoll, in vista ta' dak li jiddisponi l-Kapitolu 140 s-socjeta rikorrenti ma hadietx dawk il-misuri mehtiega biex tipprotegi l-magna in kwistjoni. Ghalhekk l-azzjoni rikorrenti tfalli u ma tistax tintlaqa mit-Tribunal.

11. In vista ta' din il-konkluzzjoni tat-Tribunal, huwa mhux ser jidhol fuq il-kwistjoni tad-danni u l-prova o meno taghhom fl-atti processwali.

12. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata, qieghed jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjez kollha kontriha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------